# PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

*Dokument ta' sessjoni*

FINALI
**A6-0036/2006**

23.2.2006

# RAPPORT

dwar Soċjetà Ewropea ta' l-Informazzjoni għat-tkabbir u l-impjieg
(2005/2167(INI))

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

Rapporteur: Reino Paasilinna

PR_INI

## WERREJ

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW ...............................2

NOTA SPJEGATTIVA ...............................................................................................2

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KULTURA U L-EDUKAZZJONI...............................2

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAD-DRITTIJIET TAN-NISA U L-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI ...............................................................................................2

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET EKONOMIĊI U MONETARJI............2

PROĊEDURA ...............................................................................................2

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar Soċjetà Ewropea ta' l-Informazzjoni għat-tkabbir u l-impjieg (2005/2167(INI))**

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni li ġġib l-isem ta' 'i2010 – Soċjetà Ewropea ta' l-Informazzjoni għat-tkabbir u l-impjieg' (COM(2005)0229) u d-Dokument ta' Ħidma ta' l-Istaff tal-Kummissjoni li jakkompanjaha li jitratta evalwazzjoni estiża ta' l-impatt (SEC(2005)0717),

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar qafas regolatorju komuni għan-netwerks u s-servizzi elettroniċi ta' komunikazzjoni (Direttiva ta' Qafas)[1],

– wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 460/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-10 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà tan-Netwerks u ta' l-Informazzjoni,

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni li ġġib l-isem ta' 'eAccessibility' (COM(2005)0425),

– wara li kkunsidra r-Rapport tal-Forum dwar il-Qasma Diġitali tal-15 ta' Lulju 2005 dwar l-aċċess 'broadband' u l-appoġġ pubbliku f'zoni li m'għandhomx servizz biżżejjed,

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni li ġġib l-isem ta' 'Approċċ ibbażat fuq is-suq għall-immaniġġjar ta' l-ispektrum fl-Unjoni Ewropea' (COM(2005)0400),

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew li ġġib l-isem ta' 'Politika għall-ispektrum tar-radju li tħares 'il quddiem għall-Unjoni Ewropea: It-tieni rapport annwali' (COM(2005)0411),

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Grupp għall-Politika ta' l-Ispektrum tar-Radju tad-19 ta' Novembru 2004 dwar kummerċ sekondarju tad-drittijiet għall-użu ta' spektrum tar-radju ,

– wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Brussell tat-22 u tat-23 ta' Marzu 2005,

– wara li kkunsidra l-Istrateġija ta' l-UE għall-Izvilupp Sostenibbli adottata waqt il-Kunsill Ewropew ta' Gothenburg bejn il-15 u s-16 ta' Ġunju 2001,

– wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Kummissjoni li jġib l-isem ta' 'L-

[1] ĠU L 108, 24.4.2002 p. 33.

integrazzjoni ta' kunsiderazzjonijiet ambjentali f'oqsma oħra tal-politika - evalwazzjoni tal-proċess ta' Cardiff' (COM(2004)0394),

– wara li kkunsidra l-Konklużjoni ta' l-2695 laqgħa tal-Kunsill għat-Trasport, it-Telekomunikazzjoni u l-Enerġija li saret bejn l-1 u l-5 ta' Diċembru 2005 dwar l-Istrateġija i2010,

– wara li kkunsidra t-22 Programm ta' Riforma Nazzjonali li kienu ppreparti mill-Istati Membri fuq talba tal-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa ta' Marzu 2005, li diġà ġew ippreżentati lill-Kummissjoni,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu ta' l-1 ta' Diċembru 2005 dwar ir-regolamentazzjoni u s-swieq tal-komunikazzjonijiet elettroniċi Ewropej 2004[1], u t-23 ta' Ġunju 2005 dwar is-soċjetà ta' l-informazzjoni[2],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-opinjonijiet tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A6-0036/2006),

A. billi l-UE ma tistax tilħaq l-objettivi ta' Liżbona sakemm l-Istati Membri ma jiħdux azzjoni deċiżiva sabiex jimplimentaw b'mod sħiħ l-istrateġija i2010,

B. billi l-ġabra ġenerali tal-25 Programm Nazzjonali ta' Riforma turi li, b'mod wiesa' l-Istati Membri laqgħu l-isfida ta' l-R&D u l-innovazzjoni, u billi l-maġġoranza ta' l-Istati Membri jqisu wkoll l-'eGovernment' bħala mod tajjeb ta' kif itejbu l-effettività ta' l-amministrazzjoni pubblika u tas-servizzi pubbliċi,

C. billi, flimkien mal-Kummissjoni, l-Istati Membri u partijiet interessati oħra huma responsabbli għas-suċċess ta' l-inizjattiva i2010 ,

D. billi l-implimentazzjoni f'postha u f'waqtha tal-qafas preżenti hija kundizzjoni essenzjali bil-quddiem għal suq ta' servizzi elettroniċi ta' komunikazzjoni miftuħ, kompetittiv u innovattiv; billi, madankollu, il-proċeduri biex il-qafas jiġi traspost u implimentat ivarjaw ħafna bejn l-Istati Membri,

E. billi l-UE għadha lura fir-riċerka fl-ICT, u tinvesti biss EUR 80 r-ras meta mqabbla ma' EUR 350 fil-Ġappun u EUR 400 fl-Istati Uniti, u l-UE għandha għalhekk iżżid l-investiment fir-riċerka u fl-innovazzjoni u tħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex iżidu l-infiq tagħhom fir-riċerka u fl-innovazzjoni fl-ICT sabiex ilaħħqu,

F. billi huwa meħtieġ li l-individwi, is-servizzi pubbliċi u l-intrapriżi, speċjalment l-SMEs jifhmu l-ICT sabiex jiġu sfruttati b'mod sħiħ il-vantaġġi offruti mir-riċerka u mill-innovazzjoni,

---

[1] Testi adottati ta' dik id-data, P6_TA(2005)0260.
[2] Testi adottati ta' dik id-data, P6_TA(2005)0467.

G. billi n-numru ta' abbonati fil-'broadband' kważi rdoppja fl-aħħar sentejn; billi, madankollu, reġjuni remoti u rurali huma anqas moqdija billi l-iżvilupp tan-netwerk huwa konċentrat f'zoni li fihom ħafna nies.

H. billi l-benefiċċji ta' l-ICT għandhom ikunu disponibbli għal kulħadd, inklużi diversi gruppi ta' edukazzjoni, soċjetà, sess u età.

I. billi jikkunsidra li ċ-ċittadini kollha għandhom dritt għal aċċess għal sett ta' mezzi ta' komunikazzjoni li wieħed jirċievi b'xejn, b'kontenut varjat u ta' kwalità għolja,

J. billi l-Kummissjoni għandha tiżgura li l-perspettiva tas-sess għandha titqies meta jkunu qed jiġu żviluppati strumenti tekniċi u regolatorji; billi l-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri konkreti sabiex iżidu n-numru ta' studenti nisa fl-oqsma tekniċi relatati ma' l-ICT u sabiex jiżguraw li n-nisa jigwadanjaw aċċess għal opportunitajiet ġodda fil-qasam ta' l-ICT u bħala staff tal-'media' f'kull livell,

K. jinnota li l-ICT u s-soċjetà ta' l-informazzjoni, jekk immaniġġjati b'ħila, jistgħu jgħinu biex inaqqsu d-differenzi soċjali, u jqarrbu l-qasma diġitali u jħeġġu l-koeżjoni soċjali u territorjali,

L. billi l-konverġenza diġitali għandha l-potenzjal li tipprovdi l-konsumaturi b'aċċess għal diversità wiesgħa ta' servizzi mtejba u kontenut mimli u varjat, u għalhekk, għandha titjieb u tissaħħaħ infrastruttura żgura u għandu jinħoloq ambjent favorevoli u żgur li jistimula l-għoti ta' dawn is-servizzi b'mod kompetittiv,

M. billi l-ICT jista' jkollhom kemm impatt pożittiv dirett fuq l-ambjent kif ukoll konsegwenzi indiretti soċjali u ekonomiċi

N. billi l-ispektrum tar-radju huwa riżors prinċipali għal ħafna servizzi essenzjali fis-soċjetà u, għalhekk, użu effettiv u koerenti jista' jgħin lill-UE tilħaq l-objettivi ta' Liżbona jekk hi tiżgura li servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali huma pprovduti kif jixraq bl-ispektrum u li huma protetti kif jixraq minn interferenza, billi dan huwa l-aħjar mod ta' kif jiġu stimulati t-tkabbir, il-kompetittività u l-impjieg,

O. billi jinħtieġ investiment ċar, konkret u uniformi fl-ICT min-naħa ta' l-UE, mill-Istati Membri u mill-intrapriżi għar-realizzazzjoni ta' l-objettivi ta' Liżbona,

P. billi huwa essenzjali li l-Istati Membri jinvestu biżżejjed f'qafas regolatorju flessibbli li jappoġġja d-drittijiet taċ-ċittadin, u li joffri bażi tajba lill-azzjonijiet f'dan is-settur fir-rigward tal-kummerċjalizzazzjoni ta' invenzjonijiet ġodda,

1. Jikkunsidra li l-libertà ta' l-aċċess u l-użu ta' l-għerf għandhom ikunu l-kriterju prinċipali, li jippermetti lis-soċjetà bbażata fuq l-għerf sabiex tiżviluppa demokratikament u bl-innovazzjonijiet teknoloġiċi li teħtieġ, kif inhu mitlub f'Liżbona;

2. Jikkunsidra li, sakemm il-qasma diġitali ma tintgħelibx, u b'hekk iċ-ċittadini kollha jkun jista' jkollhom aċċess għall-produzzjoni ta' l-għerf, u għall-użu u l-parteċipazzjoni f'din il-produzzjoni, mhux ser ikun hemm soċjetà bbażata fuq l-għerf, iżda minflok, il-kultura u l-industrija fl-UE b'mod ġenerali se jmmorru lura;

3. Jagħmel sejħa lill-Kumissjoni sabiex tqis liċ-ċittadini mhux biss bħala konsumaturi passivi ta' kontenut diġitali iżda wkoll bħala produtturi ta' l-għerf u sabiex tħejji programm u qafas legali favorevoli sabiex isiru parteċipanti attivi f'soċjetà bbażata fuq l-għerf, u b'hekk tilħaq l-objettivi ta' Liżbona

4. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex fir-riforma tagħha tal-liġijiet dwar l-ICT tieħu linja li tkun konkreta, innovattiva u li tħares 'il quddiem. Din ir-riforma għandha titqies bħala kunċett konsiderevolment usa' milli huwa fil-każ tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni u li għandha tinkludi d-drittijiet tal-konsumaturi u l-utilizzaturi; jikkunsidra li kull proposta oħra għandu jkun fiha definizzjonijiet ċari tat-termini 'servizzi għas-soċjetà ta' l-informazzjoni', 'media', 'servizzi tal-media' u 'servizzi awdjoviżivi' użati mill-Kummissjoni;

5. Jinsisiti li l-leġiżlazzjoni Ewropea kollha relatata mal-komunikazzjoni u ma' l-informazzjoni għandha tkun imsejsa fuq newtralità teknoloġika, biex b'hekk tiggarantixxi li invenzjonijiet u partijiet involuti ġodda jkunu jistgħu jaċċessaw is-suq bl-aktar mod faċli possibbli.

6. Jinnota li, billi l-qalba minn analoġiku ('analogue') għal diġitali tħeġġeġ it-tkattir ta' mezzi tax-xandir, dan għandu jseħħ permezz ta' l-użu ta' politiki koordinati u fi ħdan qafas legali xieraq, sabiex tkun ikkontrobattuta l-uniformità li tista' tirriżulta mill-konċentrazzjoni ta' 'media';

7. Jagħmel sejħa lill-Istati Membri sabiex jinvestu aktar bil-qawwi fl-isfruttar ta' l-ICT fis-servizzi għas-settur pubbliku, bħal m'huma s-saħħa, l-edukazzjoni u l-gvern, li fihom l-ICT jistgħu jagħmluha aktar faċli sabiex ikun hemm reazzjoni għal bżonnijiet futuri fis-servizzi soċjali u sabiex ikun hemm koperazzjoni sabiex jiġu żviluppati servizz pan-Ewropej;

8. Jemmen li l-għoti tas-servizz pubbliku fis-Soċjetà ta' l-Informazzjoni għandu jirrifletti b'mod ċar il-bżonnijiet dejjem aktar sofistikati ta' l-utilizzaturi individwali u ta' gruppi u għalhekk għandu jkun ibbażat fuq tweġiba xierqa mill-industrija li tipprovdi għal dawn il-bżonnijiet bl-iskop li jkun hemm tfassil effettiv u skond il-ħtiġijiet tas-servizz;

9. Ġaladarba l-fatt li investiment fl-ICT huwa wieħed mill-fatturi l-aktar importanti għat-tkabbir u għall-produttività, iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-intrapriżi sabiex iħeġġu investiment akbar fl-ICT sabiex inaqqsu d-differenza fil-prestazzjoni meta mqabbla mal-kompetituri tagħna;

10. Jirrikonoxxi li l-ICT huma waħda mill-aktar għodod importanti meħtieġa sabiex pajjiżi li qed jiżviluppaw jinbidlu f'potenzi globali;

11. Madankollu huwa mħasseb dwar il-fatt li l-Kumissjoni qed tkompli tiddefinixxi l-istrateġija tagħha u tfassal il-politika dwar il-ħolqien ta' l-impjiegi fuq il-bażi ta' provi statistiċi li ftit li xejn huma ta' min jorbot fuqhom; ifakkar li waqt li t-tkabbir globali fl-ICT għadu sejjer, mhux dejjem kien hemm l-istess tkabbir fl-impjiegi; ifakkar li r-rati ta' impjieg fl-UE huma preżentament 7 punti taħt l-objettivi ta' Liżbona; jagħmel sejħa lill-Kummissjoni sabiex twettaq analiżi statistika profonda ta' l-effetti li l-bidla teknoloġika għandha fuq is-suq ta' l-imjpieg ta' l-ICT fl-UE;

12. Jisħaq dwar l-importanza tal-konverġenza diġitali u jargumenta favur it-tneħħija ta' xkiel għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u kulturali fl-Istati individwali, objettiv maħluq waqt is-Samit Dinji dwar is-Soċjetà ta' l-Informazzjoni (l-Impenn ta' Tunis tat-18 ta' Novembru 2005);

13. Jagħmel sejħa lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni, sabiex meta jeżaminaw l-istabilità u l-programmi ta' konverġenza, jeżaminaw bir-reqqa l-importanza u l-irwol ta' l-ICT fit-tkabbir ekonomiku, fl-impjieg u fit-tħaddim ta' l-EMU;

14. Ifakkar li l-objettivi i2010 għas-soċjetà ta' l-informazzjoni kif ukoll l-obbjettivi ta' l-Aġenda ta' Liżbona jinħtieġu li objettivi bħal dawn jiġu riflessi b'mod xieraq fil-prospettivifinanzjarji għall-2007-2013;

15. Itenni l-importanza tat-trasparenza u tas-swieq kapitali likwidi li jbaxxu l-ispejjeż tas-self fir-rigward ta' l-SMEs, intrapriżi li għadhom fil-bidu u s-settur ta' l-ICT b'mod ġenerali. b'mod partikolari appoġġ għal 'micro-loans' u forom oħra ta' kapital ta' riskju;

16. Jiġbed l-attenzjoni fuq in-nuqqas serju u persistenti ta' l-UE fir-rigward ta' kultura ta' intraprenditorjat u riskju; jagħmel sejħa għat-tneħħija ta' xkiel amministrattiv fuq l-SMEs u intrapriżi li għadhom fil-bidu, flimkien ma' għajnuna finanzjarja fil-fażi tal-bidu;

17. Itenni l-importanza tas-soċjetà ta' l-informazzjoni i2010 fil-ġlieda kontra l-iżbilanċi reġjunali u soċjali madwar l-Istati Membri kif tisħaq il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li ġġib l-isem ta' 'Politika ta' Koeżjoni bħala Appoġġ għat-Tkabbir u għall-Impjieg: Linji gwida Strateġiċi Komunitarji, 2007-2013' (COM(2005)0299);

***L-1 Objettiv: spazju Ewropew ta' l-informazzjoni waħdieni***

18. Jinnota li, fl-interess tat-tkabbir u ta' l-iżvilupp ta' l-UE, huwa importanti li jiġi żgurat l-isfruttar wiesa' ta' l-għerf u tat-teknoloġija eżistenti fl-attivitajiet kollha u fl-oqsma kollha ta' attivitajiet, kemm jekk fl-amministrazzjoni pubblika, fil-kummerċ kif ukoll fil-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadin, fi kliem ieħor il-ħolqien ta' soċjetà ta' l-informazzjoni mifruxa kullimkien sabiex jiġi prodott għerf ġdid dwar l-ICT;

19. Jisħaq li l-programm i2010 jirrappreżenta fażi deċiżiva fit-tiswir ta' soċjetà ta' l-informazzjoni li għandha tippermetti lil kulħadd sabiex jipparteċipa permezz ta' aċċess għat-teknoloġija u għall-għerf, sabiex isir utilizzatur permezz ta' interattività u l-forom ġodda ta' interattività soċjali offruti minn netwerks, u ċittadin kritiku bil-libertà ta' l-għażla; jirrimarka li l-wasla tas-Soċjetà ta' l-Informazzjoni qed titfa' responabilitajiet ġodda fuq dawk li jipprovdu informazzjoni u komunikazzjoni u qed toħloq modi ġodda għal ċittadini, minn gruppi ta' popolazzjoni partikolarment vulnerabbli (anzjani, persuni b'diżabilitajiet, dawk li jgħixu waħedhom jew f'diffikultajiet soċjali, etċ.) ta' kif iħaddmu d-drittijiet tagħhom, li jippermettulhom li jibbenefikaw mill-firxa kollha kemm hi ta' ICT ġodda; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jgħinu jiżguraw li t-teknoloġija hija aktar aċċessibbli għaċ-ċittadini u tilħaq il-bżonnijiet morali tas-soċjetà;

20. Jappoġġa bis-saħħa l-i2010 bħala għodda strateġika ġdida fil-ħolqien ta' qafas għall-inizjattivi kollha ta' l-UE relatati ma' l-ICT; jirrakkomanda li wieħed iżomm f'moħħu li d-definizzjoni ta' spazju għal soċjetà ta' l-informazzjoni ta' l-UE ma tistax titwettaq

f'iżolament minn żvilupp internazzjonali f'dan il-qasam;

21. Jinsisti li n-natura orizzontali ta' l-ICT għandha titqies, fatt li jitlob koperazzjoni u koordinazzjoni bejn l-attivitajiet ta' l-UE, u fuq livell ta' Stat Membru, kif ukoll bħala inċentivi għal partijiet involuti fis-settur sabiex jipproduċu u jisfruttaw invenzjonijiet ġodda;

22. Jinsisti li l-leġiżlazzjoni nazzjonali u Ewropea għandhom jappoġġjaw il-kompetizzjoni sabiex jirriflettu n-natura orizzontali ta' l-ICT u għandhom ifittxu li jevitaw il-ħolqien u l-preservazzjoni ta' strutturi vertikali li huma ta' ħsara għall-kompetizzjoni u l-innovazzjoni; jinnota li l-istrutturi vertikali jistgħu jċaħħdu lill-kunsumaturi milli jibbenefikaw mill-kompetizzjoni;

23. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex joħolqu bħala objettivi l-flessibilità, is-simplifikazzjoni, u l-implimentazzjoni mgħaġġla u fl-istess waqt tal-liġijiet f'dan il-qasam, u aġġustament imħaffef tagħhom għal ħtiġijiet ġodda li joħorġu minn żviluppi teknoloġiċi; huwa ta' l-opinjoni li l-leġiżlazzjoni għandha tħeġġeġ il-produzzjoni ta' għerf ġdid u ta' l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda, tippromwovi l-investiment fil-produzzjoni tal-kontenut, tagħmir, netwerks u servizzi ta' netwerks fil-qasam ta' l-ICT, tippromwovi l-kompetizzjoni, l-isfruttament ta' teknoloġiji u servizzi ta' l-informazzjoni u sigurtà ta' l-informazzjoni u, fl-aħħar net, tappoġġja l-SMEs sabiex dawn ikollhom rwol ewlieni fis-settur;

24. Jinnota li l-Kummissjoni hija mitluba tiggarantixxi u tippromwovi l-pluraliżmu fil-'media' permezz ta' l-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni ta' dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-infrastruttura ta' mezzi elettroniċi; jiġbed l-attenzjoni għat-talba li hu għamel kemm-il darba lill-Kummissoni sabiex tfassal 'green paper' dwar il-konċentrazzjoni tal-pussess tal-'media' u r-rispett lejn il-prinċipji tal-libertà ta' l-informazzjoni u l-pluraliżmu, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li dan iħeġġeġ id-dibattitu dwar kwistjonijiet tal-bażi fi żmien meta t-teknoloġiji u s-suq għaddejjin minn tibdil kbir; jesprimi dispjaċir li dan il-punt mhux kopert mill-pjan ta' ħidma ta' l-i2010; jagħmel sejħa lill-Kummissjoni sabiex tistabbilixxi qafas regolatorju għall-internet, ġaladarba dan huwa l-vettura fundamentali għal ekonomija bbażata fuq l-informazzjoni;

25. Jinsisti li l-leġiżlazzjoni għandha tfittex li tħaffef l-iżvilupp u d-diversità tas-soċjetà ta' l-informazzjoni u t-tixrid tal-benefiċċji tagħha għas-soċjetà b'mod ġenerali;

26. Jinnota li huwa importanti ħafna għan-nies li jkollhom garanzija ta' l-aktar aċċess wiesa' possibbli għal kontenut u servizzi ta' kwalità għolja kullimkien permezz tat-teknoloġija li jixtiequ fi ħdan il-limiti taċ-ċirkustanzi tagħhom; jinnota wkoll li l-utilizzaturi (konsumaturi, ċittadini) huma ppreparati sabiex jadottaw servizzi u għodod tekniċi ġodda biss jekk huma jħossu li huma ħfief biżżejjed u l-kontenut tagħhom fih tifsira;

27. Ifakkar li l-iżvilupp ta' soċjetà ta' l-informazzjoni li hija mifruxa u effiċjenti jitlob provvediment universali ta' teknoloġija 'broadband' u 'wireless', li jinħtieġ aktar appoġġ fuq il-livell ta' l-Istati Membri u jitlob l-inkoraġġiment u l-investiment ta' proġetti konġunti, il-ħarsien tad-drittijiet għall-propjetà intellettwali u l-promozzjoni tal-'media' diġitali; jikkunsidra li għandu jkun possibbli għall-utilizzaturi li jbiddlu l-fornitur tas-servizz mingħajr ma jkollhom għalfejn ibiddlu l-indirizz 'email' tagħhom;

28. Jirrikonoxxi li l-'broadband' hija kundizzjoni bil-quddiem għall-iżvilupp ta' soċjetà ta' l-informazzjoni mifruxa; jikkunsidra li dan għandu jkun objettiv definit ta' konverġenza bejn l-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom;

29. Ifakkar li t-tranżizzjoni għal soċjetà ta' l-informazzjoni mifruxa tippromwovi wkoll l-iżvilupp sostenibbli, li għalih l-UE hija impenjata; l-ICT għandhom inaqqsu l-piż fuq l-ambjent u l-użu ta' riżorsi naturali u għandhom jippromwovu l-iżvilupp soċjali;

30. Jinnota li l-irwol dejjem jikber ta' drittijiet li mhumiex tanġibbli bħala għodda ta' politika kummerċjali fil-kuntest ta' kwistjonijiet ta' kummerċ ħieles u jitlob li jittieħdu miżuri sabiex jiġu mħarsa d-drittijiet tal-konsumatur u sabiex issir ġlieda kontra kontenut ikkupjat mingħajr permess u kontenut illegali; huwa ta' l-opinjoni li dan huwa l-uniku mod sabiex jiġi mħares u promoss l-iżvilupp tal-kontenut; iwissi kontra l-attentati li dejjem qed jiżdiedu fl-Istati Uniti sabiex il-privattiva u l-liġi dwar il-propjetà intellettwali tintuża bħala għodda ta' protezzjoniżmu tal-politika tal-kummerċ;

31. Jagħmel sejħa lill-Kummissjoni sabiex tispeċifika azzjonijiet ċari sabiex tipprovdi ħarsien minn kontenut li jagħmel il-ħsara u f'dan il-kuntest, sabiex tippromwovi, inter alia, l-irwol ta' l-Aġenzija Ewropew għas-Sigurtà tan-Netwerks u ta' l-Informazzjoni (ENISA);

32. Jagħmel sejħa lill-Kummissjoni biex waqt li qed tirrevedi l-leġiżlazzjoni, tinkludi miżuri sabiex tħares il-prinċipju ta' prekawzjoni fir-rigward ta' kwistjonijiet dwar is-saħħa, il-ħarsien tal-konsumatur u l-ambjent, f'koperazzjoni ma' korpi oħra bħal ma hi, pereżempju l-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa;

33. Jagħmel sejħa lill-Kummissjoni sabiex waqt li tkun qed tirrevedi l-leġiżlazzjoni tistipula kriterji ta' kwalità bħal ma huma l-ħarsien tat-tfulija u l-libertà ta' l-għażla;

34. Jirrikonoxxi l-adozzjoni mill-Kummissjoni tal-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 89/552/KEE dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stipulati mil-liġi, regolamenti jew azzjoni amministrattiva fl-Istati Membri li jikkonċernaw ħidma ta' attivitajiet ta' xandir televiżiv (COM(2005)0646) li għandha l-iskop li timmodernizza l-hekk imsejħa Direttiva dwar it-Televiżjoni mingħajr Fruntieri, li hija essenzjali hekk kif l-UE qed tevolvi f'soċjetà Ewropea ta' l-Informazzjoni; jisħaq li d-direttiva għandha tiġi adattata għal bidliet f'dinja tal-'media' li qed tikkonverġi u dan għandu jitqies kif jixraq fejn għandu x'jaqsam l-iskop tagħha; jinnota li dan għandu jgħin fil-ħolqien ta' ambjent favorevoli għall-industrija Ewropea, fit-tneħħija ta' regoli żejda u fil-mixja lejn soċjetà ta' l-informazzjoni mifruxa; barra minn dan jirrikonoxxi li r-rabtiet bejn l-irregolar tal-kontenut u l-irregolar ta' l-infrastruttura li huma rikonoxxuti fil-qafas legali għall-komunikazzjoni elettronika, wrew il-valur tagħhom u għandhom jinżammu fil-futur;

35. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tippromwovi, mingħajr dewmien, attivitajiet konkreti li-jiffaċilitaw u jappoġġjaw il-ħolqien u d-distribuzzjoni ta' kontenut Ewropew; huwa ta' l-opinjoni li t-tkomplija ta' programmi ta' appoġġ eżistenti għandha tiġi garantita u l-indispensabilità tagħhom fl-iżvilupp ta' soċjetà ta' l-informazzjoni għandha tiġi rrikonoxxuta; jinsisiti li s-sistemi pan-Ewropej ta' xandir bħal EuroNews, għandhom ikunu appoġġjati;  jisħaq li l-produzzjoni ta' kontenut li jirrispetta d-diversità kulturali u lingwistika tippreżenta opportunità sabiex jitħeġġu ħiliet u impjiegi ġodda, b'mod

partikolari fis-setturi ta' l-ippjanar u tal-ħolqien, madwar il-25 Stat Membru, u li dawn ix-xogħlijiet il-ġodda għandhom ikunu kapaċi jiżviluppaw fi ħdan qafas regolatorju armonizzat li jiggarantilhom sigurtà ekonomika u ċertezza legali;

36. Jikkunsidra li kull introduzzjoni ta' approċċ ibbażat fuq is-suq għall-ispektrum ikun jitlob l-appoġġ ta' regolaturi, operaturi u partijiet involuti oħra u jwissi kontra l-fatt li l-politika ta' l-ispektrum tar-radju titħalla titmexxa biss mill-forzi tas-suq; madankollu jikkunsidra li l-ispektrum għandu jiġi regolat bi qbil ma' regoli li jżommu l-pass ma' bżonnijiet tas-suq li qegħdin jinbidlu malajr b'mod flessibbli u effiċjenti; jissuġġerixxi li l-bidliet kollha jkunu bbażati fuq studju bir-reqqa u r-rettifkazzjoni ta' problemi preżenti, filwaqt li jingħata kas kif jixraq lill-interessi ta' l-Istati Membri, u li, b'rabta ma' dan, dejjem għandha tingħata attenzjoni sabiex tiġi żgurata biżżejjed libertà mill-interferenza; jinnota li l-prezzijiet imħallsa għall-irkant ta' l-ispektrum 3G kien jaħti għall-introduzzjoni aktar bil-mod ta' netwerks tal-mowbajl tat-terza ġenerazzjoni, u li għandu jiġi evitat li sitwazzjoni bħal din tirrepeti ruħha;

37. Jikkunsidra li l-aktar kwistjoni ċentrali fil-politika ta' l-ispektrum tar-radju huwa l-isforz sabiex jinkiseb regolament flessibbli b'armonizzazzjoni xierqa u biżżejjed fis-setturi ta' l-ispektrum fuq livell Ewropew; jinnota li l-immaniġġjar ta' l-ispektrum tar-radju għandu jfittex li jagħmel l-aċċess għas-suq faċli kemm jista' jkun għal invenzjonijiet u partijiet interessati fis-settur, inklużi r-reġjuni, filwaqt li jiffaċilita l-iżvilupp ta' 'media' Komunitarja; jagħmel sejħa lill-Kummissjoni sabiex tressaq proposti xierqa f'dan il-qasam; jinnota li l-konformità ma' regolamenti dwar interferenza hija assolutament essenzjali f'ambjent diġitali;

38. Ifakkar li l-iżvilupp ta' newterk ta' sigurtà huwa indispensabbli sabiex tiżdied il-fiduċja fis-servizz kollha tan-netwerk, fis-servizzi kummerċjali u fis-servizz ta' l-'e-government'; iħeġġeġ il-promozzjoni tas-sigurtà tan-netwerk permezz ta' mezzi tekniċi u leġiżlattivi u permezz ta' l-edukazzjoni e.ż. billi tinħoloq strateġija ta' sigurtà ta' l-informazzjoni għall-Ewropa kollha u billi titnieda ġurnata Ewropea għas-sigurtà ta' l-informazzjoni li ssir kull sena sabiex iżżid l-għarfien taċ-ċittadin dwar is-sigurtà ta' l-informazzjoni, filwaqt li tingħata attenzjoni sabiex is-sigurtà ma tillimitax il-libertà ta' l-espressjoni u d-drittijiet taċ-ċittadin; jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta tal-Kummissjoni sabiex tniedi strateġija għal soċjetà ta' l-informazzjoni żgura fl-2006 li tfittex li żżid il-fiduċja, kemm ta' l-investitur kif ukoll ta' l-utilizzatur, fis-servizzi ta' l-internet u f'kemm wieħed jista' joqgħod fuqhom, bħala għodda sabiex jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' frodi (li jaffettwaw xiri), kontenut illegali u li jagħmel il-ħsara (li jikkonċerna l-ħarsien tat-tfal taħt l-età, tad-dinjità umana u l-ħarsien tal-privatezza) u nuqqasijiet teknoloġiċi (sabiex jiġi żgurat l-użu effiċjenti u effettiv ta' l-ICT)

39. Ifakkar li l-politika għall-industrija u l-kompetizzjoni għandha tappoġġja l-industrija innovattiva Ewropea; jinnota li dan jitlob li tinstab bażi regolatorja flessibbli li tipprovdi wkoll inċentivi;

40. Ifakkar li r-regolament settorjali ta' l-industrija ta' l-ICT kien ippjanat mill-bidu bħala soluzzjoni tranżitorja għall-ftuħ tas-swieq u li, fuq perjodu medju, għandha ssir it-tranżizzjoni għall-użu uniku tar-regoli ġenerali ta' kompetizzjoni;

41. Iwissi li regolamentazzjoni u azzjoni oħra mill-awtoritajiet m'għandhomx iwasslu għal xi

sitwazzjoni fejn xi teknoloġiji jkunu ppreferuti għad-detriment ta' l-oħrajn; ir-regolamentazzjoni għandha tkun newtrali fir-rigward ta' teknoloġija;

42. Jisħaq dwar kemm hu importanti li jiġu sodisfatti r-rekwiżiti tekniċi sabiex jiġi żgurat aċċess għall-kontenut tas-soċjetà ta' l-informazzjoni li ma jkunx diskrminatorju u sabiex tiġi evitata qasma diġitali fi ħdan l-UE għalhekk itenni s-sejħiet tiegħu għall-ħolqien ta' standards miftuħa u interoperabbli partikolarment fil-qasam ta' 'application program interfaces' (API) skond l-Artikolu 8 tad-Direttiva ta' Qafas;

43. Jirrikonoxxi l-importanza ta' bilanċ b'saħħtu fil-kummerċ ta' l-ICT bħala ingredjent vitali fl-appoġġ għall-pożizzjoni ta' l-UE fl-ekonomija globali; jagħmel talba lill-Kummissjoni sabiex sa Settembru 2006 tippreżenta ħarsa ġenerali tal-punti b'saħħithom u tal-punti dgħajfa ta' l-UE fis-setturi kollha relatati ma' l-ICT;

***It-2 Objettiv: L-Innovazzjoni u l-Investiment fir-Riċerka***

44. Jisħaq li industrija ta' l-ICT innovattiva hija rekwiżit bil-quddiem indispensabbli għal tkabbir ekonomiku u għall-ħolqien ta' l-impjiegi fl-UE, partikolarment fl-industriji u servizzi oħra minbarra l-ICT innifishom.

45. Ifakkar li l-ICT diġà bidlu l-mod ta' kif jopera l-kummerċ b'mod globali, u li l-intrapriżi qed jibbenefikaw minn innovazzjonijiet bħal kompjuterizzar utilitarju, żvilupp ta' softwer u arkitetturi ġodda ta' servizzi ta' l-internet; iħeġġeġ lill-UE sabiex toħloq ambjent li jiffavorixxi l-innovazzjoni bl-iskop li żżomm vantaġġ kompetittiv;

46. Iħeġġeġ l-adozzjoni mħaffa tas-7 Programm ta' Qafas għar-Riċerka u tal-Programm għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP) għall-2007-13, li t-tnejn li huma għandhom jipprovdu riżorsi finanzjarji xierqa sabiex jappoġġjaw l-ICT bħala l-magna tal-kompetittività, it-tkabbir u l-impjieg; jisħaq dwar l-enfasi li għandha tingħata lit-tisħiħ ta' l-intraprenditorjat, partikolarlment ta' l-SMEs, speċjalment fis-setturi li jibbenefikaw mill-ICT il-ġodda;

47. Jagħmel talba lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jieħdu azzjonijiet konkreti sabiex jisfruttaw l-opportunitajiet maħluqa mill-ICT, sabiex jagħmluha possibbli li jsir diffiċli sabiex l-impjiegi jimxu għal pajjiżi b'pagi baxxi u sabiex jagħmluha possibbli li jkun hemm l-akbar livell ta' tkabbir u ta' impjieg possibbli; jikkunsidra bħala vitali ż-żieda fil-livell ta' investiment biex jintlaħaq l-objettiv ta' Barċellona tat-3% PGD u, fit-tul, sabiex jibqa' ppreparat b'mod permanenti għal-livelli globali ta' kompetizzjoni;

48. Jemmen li l-futur ekonomiku ta' l-UE jinsab fi tkabbir ogħla tal-produttività tax-xogħol;

49. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex sa Settembru 2006 jipprovdu lill-Parlament, analiżi ta' l-impatt dwar l-influwenza ta' l-ekonomija ta' l-ICT fl-appoġġ għal-tkabbir aktar b'saħħtu fil-varji Stati Membri u reġjuni Ewropej;

50. Jinnota li għandhom jittieħdu miżuri b'mod urġenti fil-livell ta' l-UE sabiex jitneħħa x-xkiel kollu għall-iżvilupp ta' 'Next Generation Netwerks (NGN); jagħmel sejħa lill-Kummissjoni sabiex tikkunsidra din il-kwistjoni fir-reviżjoni li jmiss tal-qafas regolatorju għall-komunikazzjoni elettronika;

51. Jinnota li l-applikazzjoni ta' l-ICT f'oqsma bħal ma hi t-teknoloġija għal-lingwa u s-servizzi soċjali hija waħda li tiġi naturali għall-Komunità u li għandha wkoll potenzjal kbir fuq livell globali; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri sabiex jappoġġjaw ir-riċerka f'dawn l-oqsma;

52. Jirrakkomanda li aktar attenzjoni tiġi ffukata fuq l-irwol li l-ICT għandhom fil-ħolqien ta' soċjetà miftuħa u bbażata fuq l-għerf; jagħmel talba lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex joħolqu strateġija aktar koerenti għall-istandards edukattivi fl-ICT;

53. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex ifittxu modi konkreti ta' kif jippromwovu l-innetwerkjar tal-partijiet ewlenin kollha (intrapriżi kbar u SMSs, awtoritajiet pubbliċi u stabbilimenti ta' riċerka) u sabiex isaħħu l-opportunitajiet tagħhom biex jipparteċipaw fir-realizzazzjoni u l-esplojtazzjoni ta' proġetti;

54. Ifakkar l-impenji ta' l-UE għall-innovazzjoni u r-riċerka li huma niżżlu fil-Linji Gwida Integrati għat-Tkabbir u għall-Impjieg (2005-2008) (COM(2005)0141), u jagħmel sejħa għall-implimentazzjoni konsistenti tal-linji gwida b'rabta ma' l-aġenda għar-riforma ta' Liżbona;

55. Jemmen f'sistemi nazzjonali ta' taxxa li joħolqu inċentivi għal investiment fl-ICT u fl-R&D; f'dan ir-rigward, jilqa' b'sodisfazzjon il-proposti tal-Kummissjoni sabiex tinħoloq bażi ta' taxxa komuni u kkonsolidata għall-kumpaniji

*It-3 Objettiv: soċjetà Ewropea ta' l- informazzjoni waħdanija*

56. Iħeġġeġ lill-Istati Membri, permezz tal-programmi nazzjonali tagħhom ta' riforma, sabiex jiddefinixxu l-prijortajiet tas-soċjetà ta' l-informazzjoni, sabiex jagħmlu sforzi aktar intensivi f'dan il-qasam u sabiex jagħmlu rapport annwali dwar il-progress ta' dawn il-programmi, filwaqt li jagħtu rendikont dettaljat mhux biss ta' l-indikaturi ta' l-iżvilupp tas-soċjetà ta' l-informazzjoni iżda wkoll ta' l-utilità soċjali u ekonomika tal-programmi;

57. Ifakkar li s-suċċess ta' l-istrateġija i2010 kollha kemm hi ser ikun imkejjel skond sa liema punt tkun laħqet sa lanqas wieħed miċ-ċittadini Ewropej; jemmen li fl-ilħuq ta' dan l-objettiv, ir-reġjuni għandhom rwol ċentrali, u għandhom għalhekk jiġu organizzati u megħjuna aktar sabiex jieħdu inizjattivi sostantivi għall-konverġenza u l-koeżjoni reġjonali billi jqarrbu l-qasma diġitali;

58. Ifakkar li s-sigurtà soċjali, is-saħħa u l-benesseri huma setturi prinċipali fl-iżvilupp tas-soċjetà ta' l-informazzjoni;

59. Jinnota li s-servizzi pubbliċi u s-servizzi tax-xandir pubbliku għandhom rwol importanti x'jaqdu fl-attività nazzjonali u ta' kummerċ billi dawn jikkontribwixxu għall-koeżjoni soċjali, it-taħdita demokratika u l-pluraliżmu fl-Ewropa; barra minn hekk jirrimarka li l-qafas legali Ewropew għas-soċjetà ta' l-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għandu jiżgura li s-servizzi tax-xandir pubbliku jkunu kapaċi jieħdu sehem fl-iżvilupp teknoloġiku u soċjali u sabiex ikomplu jaqdu l-funzjoni soċjali tagħhom;

60. Jinnota li x-xandir pubbliku ser ikompli jaqdi rwol ewlieni fis-soċjetà mifruxa ta' l-informazzjoni bħala protettur ta' informazzjoni ta' kwalità għolja u indipendenti li hija

aċċessibbli pubblikament; jisħaq l-importanza li x-xandir pubbliku jiġi garantit aċċess għall-pjattaformi kollha tal-futur;

61. Jirrimarka dwar l-importanza li jiġi garantit id-dritt universali ta' aċċess għall-edukazzjoni u l-litteriżmu li jinħtieġu fir-rigward tal-'media' - speċjalment fil-mezzi elettroniċi li jwasslu l-istampi - u fit-teknoloġiji diġitali interattivi ġodda sabiex jiġu evitati forom ġodda ta' esklużjoni soċjali u kulturali; u jikkunsidra li l-aċċess ugwali għal 'media' li tixxandar b'xejn b'gamma varjata ta' kontenut ta' kwalità għolja huwa dritt fundamentali li għandu jitgawda miċ-ċittadini Ewropej; jisħaq li f'din ir-rabta l-irwol li kontenut tas-servizz ta' xandir pubbliku jaqdi fil-promozzjoni ta' koeżjoni soċjali, t-taħdit demokratiku u l-pluraliżmu fl-Ewropa, u jinsisti li l-prestazzjoni ta' dawn xogħlijiet għandha tibqa' tiġi ggarantita fil-futur;

62. Jagħmel sejħa biex tingħata enfasi lill-kwistjoni ta' interoperabilità u l-aħjar prattiki fis-servizzi elettroniċi fis-settur pubbliku għaċ-ċittadini u l-intrapiriżi, it-tassazzjoni, is-saħħa, kopertura ta' l-assigurazzjoni u pensjonijiet, b'objettiv fuq kollox sabiex jiġu ffaċilitati il-moviment ħieles u mingħajr xkiel, l-istabilizzazzjoni u l-impjegar taċ-ċittadini fl-Istati Membri;

63. Iħeġġeġ lill-gvernijiet nazzjonali sabiex jimplimentaw l-inizjattivi u l-programmi ta' l-i2010 fir-riforma tagħhom ta' l-amministrazzjoni pubblika sabiex jipprovdu servizzi aħjar, aktar effiċjenti u aċċessibbli aktar faċilment kemm għall-SMEs tagħhom kif ukoll għaċ-ċittadini tagħhom;

64. Ifakkar il-potenzjali tat-teknoloġiji ta' l-ICT iżda wkoll it-tibdil istituzzjonali meħtieġ sabiex tiġi promossa d-demokrazija permezz tal-parteċipazzjoni elettronika taċ-ċittadini Ewropej fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet, u jagħmel sejħa sabiex jittieħdu l-miżuri promozzjonali relevanti meħtieġa;

65. Ifakkar li, fil-promozzjoni tal-parteċipazzjoni, hemm bżonn ukoll li jsir investiment f'dawk il-ħiliet li l-Ewropej għandhom bżonn sabiex jiffunzjonaw fis-soċjetà ta' l-informazzjoni; jagħmel talba għal attivitajiet speċifiċi għall-iżvilupp ta' ħiliet fl-ICT, u jagħmel sejħa sabiex jikber l-għarfien taċ-ċittadini dwar l-opportunitajiet li toffri l-ICT permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni tradizzjonali wkoll, li jispjegaw il-vantaġġi ta' amministrazzjoni 'online' u b'hekk iħeġġu wkoll l-użu ta' servizzi ġodda;

66. Jinnota li aktar minn nofs il-popolazzjoni ta' l-UE ma tibbenefikax b'mod sħiħ mill-ICT; jinsisti li l-ICT jimplikaw wkoll investiment fil-kapital uman sabiex irawwem il-kreattività permezz ta' baġits ogħla għall-edukazzjoni u għall-kultura; jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattiva tal-Kummissjoni sabiex tippromwovi l-litteriżmu diġitali permezz ta' programmi varji ta' taħriġ, u b'hekk il-prodotti u s-servizzi ta' l-ICT isiru aktar aċċessibbli;

67. Jisħaq dwar l-irwol ewlieni ta' l-edukazzjoni speċjalizzata fl-ICT, kemm fl-iskola u kif ukoll fil-kuntest ta' edukazzjoni tul il-ħajja, b'mod partikolari għan-nisa, li tiżgura li l-persuni iżommu ruħhom infurmati u kapaċi jużaw teknoloġiji moderni għall-ħtiġijiet professjonali u personali tagħhom; jinnota wkoll li, f'kull livell, proporzjon żgħir ħafna tal-postijiet ta' taħriġ u studju fil-qasam ta' l-ICT huma mimlija minn nisa; għalhekk jagħmel sejħa lill-Kumissjoni, lill-Istati Membri kif ukoll lill-partijiet interessati sabiex jippromwovu inizjattivi, inklużi l-ħolqien ta' l-aħjar prattiki u l-integrazzjoni ta' l-analiżi

tas-sessi fl-isforzi ta' taħriġ relatati ma' l-ICT għall-dawk li jfasslu l-politiki, sabiex jiżdied in-numru ta' nisa li jkollhom karriera relatata ma' l-ICT fil-livelli kollha;

68. Jinnota li, minħabba l-istruttura demografika Ewropea li dejjem qed tixjieħ, hemm bżonn li jkun hemm investiment fl-ippjanar tal-prodott, partikolarment fil-prinċipju ta' Disinn għal Kulħadd, u l-aktar fis-soluzzjonijiet kollha xierqa fit-teknoloġija, servizzi u l-ambjent; jagħmel talba li għandu jingħata kas partikolari tal-bżonnijiet ta' gruppi speċifiċi bħal ma huma l-anzjani jew persuni b'diżabilitajiet; jagħmel sejħa lill-Kummissjoni sabiex tuża l-Istrateġija għall-Inklużjoni li jmiss għal dan il-għan;

69. Jagħmel talba lill-Istati Membri sabiex jieħdu miżuri addizzjonali sabex jiżguraw li jkun hemm aċċess għall-'e-government' immaterjali mill-post, miż-żmien jew mill-ġid;

70. Ifakkar li kull ċittadin Ewropew għandu d-dritt għall-aċċess għall-informazzjoni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tħaffef l-inizjattiva 'e-inclusion' maħsuba għall-2008, li għandha tilħaq l-isfidi ta' l-'e-literacy', ix-xjuħija, u l-'e-accessibility', diskrepanzi ġeografiċi u l-garanzija tas-servizzi soċjali għal kulħadd; iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tfassal bla dewmien proposta għal karta tad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini għall-epoka diġitali; iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jiżguraw li l-ebda ċittadin jew konsumatur ma jkun eskluż kontra x-xewqa tagħhom mis-servizzi essenzjali tas-soċjetà mifruxa ta' l-informazzjoni;

71. Jipproponi li, sabiex tinkiseb tmexxija tajba u sabiex tiġi żgurata ċittadinanza sħiħa lill-individwi Ewropej kollha għas-soċjetà ta' l-informazzjoni, amministraturi pubbliċi fl-Ewropa għandhom progressivament jadottaw 'Karta ta' l-'e-Rights'' bħala sett ta' prinċipji u linji gwida komuni li jiddefinixxu l-qafas li fi ħdanu ċ-ċittadini kollha jistgħu jgawdu dawk id-drittijiet; jipproponi li prinċipji bħal dawn għandhom jiġu tradotti f'azzjonijiet u programmi ta' implimentazzjoni fil-livelli nazzjonali u reġjonali sabiex tinkiseb soċjetà kompetittiva u kompetenti fl-epoka diġitali u sabiex tiġi żgurata l-koeżjoni soċjali u territorjali; jinnota li l-aċċess ġust u mingħajr diskriminazzjoni għal informazzjoni trasprenti, diversa u sħiħa kif ukoll għal servizzi ta' kwalità għolja, f'ambjent żgur, permezz ta' kwalunkwe servizz jew pjattaforma ta' telekomunikazzjoni - mill-Internet sal-mowbajls - ibbażata fuq standards miftuħa u interoperabbli huwa dritt essenzjali għad-tgawdija ta' ċittadinanza attiva fl-epoka ta' soċjetà ta' l-informazzjoni, u għandu jiġi inkluż f''Karta ta' l-'e-Rights''; jistqarr li l-Karta għandha wkoll tinkludi d-drittijiet taċ-ċittadini kollha li jkunu kapaċi jifhmu u jirrelataw ma' l-amministraturi involuti u għalhekk jipparteċipaw b'mod ugwali fil-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet u ta' fformular ta' politika; jikkunsidra li r-razjonalizzazzjoni, il-bini mill-ġdid, it-trasparenza u l-aċċess kemm tas-servizz pubbliku u kif ukoll għall-istess servizz, huma rekwiżiti fundamentali bil-quddiem għall-iżvilupp ta' ċittadinanza parteċipattiva;

72. Huwa tal-fehma li, minħabba l-iżvilupp teknolġiku straordinarju li bidilhom radikalment, il-'media' fis-soċjetajiet tal-lum huma kapaċi li jinfluwenzaw b'mod deċiżiv l-ideat u l-għaġir taċ-ċittadini u huma, għalhekk intrinsiċi għat-tħaddim tad-demokrazija f'kull pajjiż, u li l-'e-accesibility' hija msejsa bilfors fuq id-drittijiet tal-bniedem; jagħmel sejħa lill-Kummissjoni sabiex tirrispetta dawn il-valuri fundamentali tal-mudell awdjoviżiv fl-Inizjattiva i2010 tagħha, sabiex tara li ssir ġustizzja ma' l-irwol speċjali li l-'media' awdjoviżivi, bin-natura doppja tagħhom bħala oġġetti ekonomiċi u kulturali, għandhom

x'jaqdu fil-promozzjoni tad-diversità kulturali;

73. Jisħaq dwar l-importanza tal-ħarsien tal-privatezza u s-sigurtà ta' l-informazzjoni fis-soċjetà ta' l-informazzjoni mifruxa; ifakkar li l-leġiżlazzjoni għandha tiggarantixxi l-kunfidenza taċ-ċittadini u ta' l-intrapriżi fil-kontenut diġitali u l-komunikazzjoni;

74. Jagħmel sejħa lill-Kummissjoni sabiex tagħti attenzjoni speċjali lill-użu ħażin ta' l-ICT fit-traffikar ta' nisa u tfal, u sabiex tippromwovi l-inizjattivi legali u teknoloġiċi kollha meħtieġa sabiex tingħeleb din il-problema, filwaqt li jiġi żgurat li d-drittijiet taċ-ċittadini għall-privatezza u għal-libertà ta' l-espressjoni jiġu mħarsa f'kull mument;

75. Jisħaq dwar l-importanza, f'sens ekonomiku u soċjali, li jitfarrak l-iżolament ta' zoni rurali, u jenfasizza li dawn iz-zoni għandhom il-potenzjal li jikkontribwixxu għall-ħolqien tal-ġid reġjonali, nazzjonali u Ewropew; għalhekk jikkunsidra li huwa essenzjali għaz-zoni kollha li jkunu jistgħu jibbenefikaw, aktar milli jsofru, miż-żieda esponenzjali fl-innovazzjoni fil-qasam ta' l-ICT;

76. Jemmen li, hekk kif issostni ir-Rakomandazzjoni tal-Kunsill ta' L-Ewropa 1466 (2000), l-edukazzjoni tal-'media' għandha sservi sabiex tipprovdi liċ-ċittadini, minn ċkunithom; bil-ħtiġijiet tekniċi jew ta' tip ieħor sabiex jużaw l-interpretazzjoni kritika fir-rigward tal-volum dejjem jikber ta' informazzjoni u komunikazzjoni, u kif ukoll biex jużaw dan l-istess volum bil-għan li jigwadanjaw benefiċċji personali minnu; barra minn hekk, huwa tal-fehma li, megħjuna minn proċess ta' tagħlim ta' dan it-tip, iċ-ċittadini ser ikunu f'pożizzjoni li jifformulaw messaġġi u jagħżlu l-mezz l-aktar adattat sabiex jibgħatuhom, u għalhekk isiru kapaċi jħaddmu bis-sħiħ id-dritt tagħhom tal-libertà ta' l-informazzjoni u l-espressjoni;

77. Jagħmel sejħa lill-Kummissjoni sabiex tinvesti ir-riżorsi tagħha ta' riċerka sabiex tivalwa l-impatt tas-Soċjetà ta' l-Informazzjoni fuq il-kultura u s-soċjetà Ewropea;

